# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**


Minuti tal-laqgħa numru wiehed u teltin (31) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 11 ta' Novembru, 2014, fil-Bini Amministrattiv tal-KLM fis-7:05pm.

| | | |
|---|---|---|
| PREZENTI: | Charlene Zammit | Deputat Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Michel Farrugia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

1. Il-laqgħa kienet ippreseduta mid-Deputat Sindku u hija qalet it-talba. Is-Sindku kien skużat peress li minħabba raġunijiet ta' saħħa ma setgħax ikun magħna llum ukoll, bħalma ġara tliet ġimgħat ilu.

2. Il-minuti tas-seduta preċedenti kienu meħuda bħala moqrija u dawn kienu approvati u ffirmati wara li sarulhom il-korrezzjonijiet eżattament qabel is-seduta, u wara li kienu f'idejn il-kunsillieri mal-aġenda li għaddielhom is-SE. Il-minuti kienu ipproponuti minn Charlene Zammit, issekondati minn Paul Spiteri u approvati unanimament.

**PUNTI MILL-MINUTI**

3. Id-Deputat Sindku qalet illi l-*awarding ceremony* tal-proġett tal-Kunsill taż-Żgħażagħ se ssir nhar it-22 ta' Novembru 2014. Madankollu il-KLM xorta se jmexxi bl-attività skedata għall-21 ta' Diċembru, 2014, (anke jekk ma ningħatawx it-€3,000) wara li qabel illi anke jekk ma nibbenefikaw mill-ebda fondi, xorta noħorġu l-ispejjez intieri mill-fondi tal-KLM. Intant l-uffiċċju se jgħaddi l-*logos* li hemm bżonn jidhru u l-*wording* sabiex l-istampatur jissettja l-*poster*. Id-Deputat Sindku issuġġeriet illi rridu nitqassmu sabiex fil-ġimgħat li ġejjin naraw x'se jkun hemm bżonn biex tirnexxi din l-attività, billi noffru kull għajnuna liż-żgħażagħ. Din se tkun tikkonsisti f'tinda/tined li taħthom se jkun hemm villaġġ tal-Milied. Għaldaqstant il-*poster* se jiġi mgħoddi lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali mhux qabel il-25 ta' Novembru, 2014 għax il-logos li ser jidhru fuqu se jkunu differenti jekk il-proġett taż-żgħażagħ jintgħażel.

4. Grace Marie Mallia, dwar l-attività ta' Sqallija, qalet li l-grupp mar tajjeb għaliex it-temp iffavurihom, kollox kien organizzat tajjeb u l-ikel ukoll intgħoġob ħafna. Hija talbet lis-SE sabiex jikkordina mal-KL tal-Qrendi (għaliex konna konġunti magħhom sabiex jinqasmu l-ispejjeż tat-trasport f'Malta u għalhekk il-KLM approva n-nefqa ta' 13-il persuna biż-€2.50-il wieħed.

5. Issemmew mhux biss l-irċevuti fiskali li kull kuntrattur hu mitlub jissottometti lill-KLM iżda wkoll il-pagamenti li fadal pendenti kif ukoll il-kontrolli li hemm bżonn jittieħdu biex *ironmongery items* jkunu esklussivament użati mill-ħaddiema tal-KLM għall-użu tal-KLM. Dan inqala' meta kien hemm allegazzjonijiet li xi *cement* li nxtara mingħand *C&G Hardware Store* mis-sotto kuntrattur fil-progett ta' Misraħ il-Fidwa ntefa' fuq il-kont tal-KLM. Il-kuntrattur *Elle's* ċaħad kompletament qabel din is-seduta, f'laqgħa li kellhom miegħu il-kunsillieri. Hawn kien konkluż illi l-ħaddiema tagħna li jmorru jixtru mingħand dan il-ħanut taż-żebgħa, iridu jiffirmaw li ħadu l-*items* huma personalment u jgħidulna fejn intużaw. Hawn Charlene Zammit qalet li hu imperattiv illi l-ħaddiema tagħna ssirilhom skeda ta' xogħlijiet minn qabel u l-KLM japprovaha u jsiru *cost estimates* ta' dak li jkun involut, bħall-materjal, kiri ta' *skips*, *jigger*, *petrol,* eċċ.

6. Dwar it-tabelli li mill-bidu ta' din il-leġiżlatura bdew jingħalqu t-toroq bihom qabel u wara li tispiċċa l-iskola, Charlene Zammit qalet li hija kellmet lil Josef Farrugia u spjegatlu illi jekk kien hemm ftehim mhux mill-KLM bejn is-Sindku u hu, biex dan jingħata €10 fil-ġimgħa talli

jagħlaq it-triq għal ħames darbiet (wara l-iskola biss), hija ma tistax tagħtih dan l-ammont minn butha meta s'issa s-Sindku għadu jitħallas l-Onorarja. Hija qalet li tkellmet mal-ħaddiema tal-KLM u bħalissa dan ix-xogħol qed isir minnhom ġimgħa kull wieħed. Ħadd mill-kunsillieri ma' oġġezzjona għal dan. Għaldaqstant kien deċiż mill-KLM illi jinqata' l-kont pendenti ta' €50 tas-Sur Josef Farrugia u l-ħaddiema tal-KLM jibqgħu jieħdu r-responsabbilità li jagħmlu dan ix-xogħol, filwaqt li l-KLM se jikteb lill-Ministeru tal-Intern u l-Kummissarju tal-Pulizija biex f'dawn il-ħinijiet jieħdu ħsieb jimmaniġġjaw it-traffiku huma, għaliex m'hawn l-ebda skola oħra f'Malta fejn il-ħaddiema tal-KL jieħdu din ir-responsabbilità huma. Is-SE għall-mistoqsija ta' Grace Marie Mallia dwar l-effettività tal-għeluq tat-toroq, qal li hu xettiku minn dan l-arranġament għaliex fil-verità qed nixxiftjaw il-konfużjoni għall-Pjazza tal-Knisja u fi Triq Valletta, kantuniera ma' Triq il-Karmnu. Grace Marie Mallia qalet ukoll li jkun hemm min jidħol xorta jistenna t-tfal eżattament qabel tingħalaq it-triq, imbagħad jistartja u jitlaq meta xorta jkunu għadhom għaddejjin it-tfal, minflok jistenna sakemm it-triq terġa' tinfetaħ.

7. Kien hemm proposta ta' Michel Farrugia sabiex innaqqsu mill-konsum tal-elettriku fil-ġonna pubbliċi. Hawn is-SE qal illi hemm ġonna partikulari li qed jixegħlu matul il-lejl kollu għaliex mhux possibbli li jintfew għaliex għandhom *dawn*/*dusk sensor*, hemm oħrajn li jixegħlu matul il-lejl kollu u jistgħu jintfew għaliex għandhom *timer* u hemm oħrajn li t-*timer* tagħhom jintefa wara ċertu ħin. Peress li dawn ikunu iwwajerjati b'*return* wieħed, mhux possibbli tixgħel parti u titfi oħra, jew inkella tixgħel bozza u taqbeż waħda sakemm litteralment ma taqlax il-lampa mil-*holder*, jew inkella tiwwajerja l-ġnien mill-ġdid. Minkejja dan, jista' jkun hemm il-possibilità li jitwaħħal *dimmer*, fuq parir ta' esperti.

8. Dwar l-iżvilupp li kien hemm fuq il-lampa tal-Korporazzjoni Enemalta (għaliex kienet imwaħħla ma' arblu) li nqalgħet mill-KLM, is-SE qal li dan sar għaliex l-arblu kien se jinqala' mill-istess Korporazzjoni Enemalta. Intant, is-SE qal illi l-applikazzjoni tax-*shifting of lamp* kienet ipproċessata mill-Korporazzjoni u kien hemm bżonn oħra tal-*energizing of lamp*. Din tinsab għand il-*licencee* tal-kuntrattur tagħna, *Nexos Street Lighting* sabiex kif timtela' mit-tekniku titwassal għand il-Korporazzjoni Enemalta u tkun tista' tixgħel il-lampa li waħħal il-KLM mal-ħajt ta' Matla Court, fi Triq Mons Alfons Caruana.

9. Kien hemm talba sabiex il-gvern ċentrali (triq arterja) jaqta' l-friegħi li hemm 'il barra fi Triq Valletta, fejn fil-maltemp ta' nhar il-Ġimgħa li għadda, waqgħet siġra kbira f'nofs it-triq li għalqet karreġġjata minnhom. Is-SE qal li hu propju bħal issa li l-prinjol jista' jiġi miżbur mingħajr ma ssir ħsara lis-siġra u għaldaqstant se jagħmel it-talba lill-ELC.

10. Grace Marie Mallia irrappurtat li l-*istreet lighting* ta' (parti minn) Triq Valletta huwa wkoll mitfi. Se ssir talba lill-Korporazzjoni Enemalta mis-SE sabiex tissewwa l-ħsara.

11. Dwar id-dejn li għandu l-KLM mal-kumpanija *Elle's Urban Services*, id-Deputat Sindku qalet illi llum propju qabel din il-laqgħa il-KL kellu laqgħa miegħu fil-preżenza ta' Perita mill-Uffiċċju tal-Perit William Lewis u irriżulta illi kien hemm żball fil-kejl tal-madum. Dan għaliex ir-rata ta' €5 kienet tal-materja prima u mhux bit-tqegħid ukoll. Intant ir-rata tal-madum ta' Ġnien Onġi Onġella kellha tinvolvi t-tqegħid ukoll u għalhekk kellha tapplika r-rata ta' €13.75. Għaldaqstant il-kont kien revedut u minn €34,000 tela' għal madwar €40,000. Kien deċiz illi l-KLM joħroġ pagament interim ta' €5,000 wara s-seduta. Id-direttur tal-kumpanija Elle's Urban Services, Giovann, aċċetta illi jitħallas €2,000 kull xahar.

12. Intant is-SE ta previżjoni ta' kif se tispiċċa is-sena tal-KLM jekk nonoraw il-*commitments* li għandna. Id-Deputat Sindku talbet sabiex l-ispiża għall-*party* tal-Milied tat-tfal titla' mit-€300 li ssuġġerixxa is-SE għal €1,000 – ammont li jirrifletti l-ispejjeż li saru fis-snin preċedenti. Talbet ukoll li jkun hemm provediment addizzjonali ta' €3,500 għall-*Christmas village* billi f'każ li jintrebaħ il-proġett, il-Kunsill ikollu joħroġ il-flus biex iwettqu – flus li mbagħad

jingħatawlu lura wara li l-Kunsill taż-Żgħażagħ jippreżenta rendikont tal-ispejjeż għat-twettieq tal-proġett. B'hekk il-KLM kull ma jkun fadallu l-bank huma madwar €20,000 kemm-il darba ma joħorġux pagamenti fuq il-kredituri.

13. F'laqgħa oħra mal-Kreditur Asfaltar Ltd, Charlene Zammit qalet illi dan qalilna illi flok qabad u ħariġilna mandat ta' sekwestru, dan bagħtilna ittra li se jintaxxana 8% fuq id-dejn li għandna miegħu. Madankollu hu qabel illi ssir skrittura privata oħra ma' dik li hemm, u kull tliet xhur il-KLM iħallsu €10,000 flok it-€18,000 li konna miftehmin miegħu.

14. Bħala evalwazzjoni għall-attivita' u l-Quddiesa ta' Ġieh l-Imqabba 2014, il-kunsillieri qablu li kienu suċċess, u l-unika rimarka li kellu Paul Spiteri kienet illi waqt is-serata, waħda mill-battuti sarkastiċi li kien hemm mill-banda tas-Soċjeta' Muzikali Madonna tal-Ġilju, kienet imtawla wisq. Is-SE qabel miegħu u Charlene Zammit qalet li hemm diversi ritratti tas-serata mill-fotografu professjonali Steve Congrave fuq http://galleries.picturethis.com.mt/mqabba2014/index.html.

15. Mariano Briffa kellem lil Paul Spiteri u dan qallu li dak in-nhar ma setgħax jattendi għas-serata biex jieħu l-unur li tah il-KLM. Sadanittant il-KLM se jistiednu sabiex jiġi għal dan ir-rikonoxximent fil-bini amministrattiv.

16. Dwar l-attivita' tal-Ħadd, kien hemm suġġeriment ta' Michel Farrugia biex fis-snin li ġejjin jibda' jindaqq *last post* fuq fanfarra preferibbilment minn żewġ bandisti, jew *scouts*. Dan sabiex niġbdu aktar nies lejn l-attivita' ta' filgħodu. Charlene Zammit qalet li l-kappillan il-ġdid iddiskuta din l-attivita' magħha u ma' Michel Farrugia wara li ntemmet, u jidher li għandu nteress li fil-futur, aktar nies jibdew jattendu għaliha. Għall-mistoqsija dwar l-istedina għall-quddiesa ta' ringrazzjament, is-SE qal illi dan isir permezz ta' ittra lil dawk kollha li jiġi riżervat post għalihom fil-Knisja permezz tal-karti fuq l-ewwel bankijiet.

17. Dwar il-fondi tal-Fond għat-Titjib Urban, is-SE kellem lill-persuna inkarigata minn dan il-fond ġewwa l-MEPA u din qaltlu illi għadha ma semgħet b'xejn min-naħa tagħna. Intant kienet proċessata l-applikazzjoni tad-DNO mill-uffiċċju tal-Perit William Lewis u s-SE ħallas l-applikazzjoni l-bank biex ikun jista' joħroġ il-*compliance certificate* u nirkupraw €9,000 u ngħadduhom lill-*Elle's Urban Services Ltd.*

18. Il-bankina fi Triq il-Barumbara inqalgħalha l-wiċċ u l-ħaddiema tal-KLM reġgħu bnew il-parti li kienet tiżloq mill-ġdid.

19. Michel Farrugia se joħroġ is-€60 rappreżentanti spejjeż inkorsi minn resident li qatta' tire ma' bankina li tkissret minħabba xi xogħlijiet li qegħdin isiru f'residenza oħra. Huwa ser joħroġ *cheque* lill-KLM li min-naħa tiegħu ser ikollu jħallas is-€60 lir-resident li qatta' t-tire.

20. Wara li nkunu żguri li m'għadux jidħol ilma mis-soqfa tal-Isptar il-Qadim, se ngħaddu l-kumplament tal-fondi li ingħatajna mis-Segretarju Parlamentari Onor Stefan Buontempo meta s-Sindku u s-SE kienu għamlu t-talba għal dawn il-fondi minħabba ħsarat straordinarji li seħħew f'dan is-sit.

21. Sadanittant l-ittra ta' oġġezzjoni li kiteb il-KLM lill-MEPA kienet imħejjija minn Charlene Zammit u mgħoddija bl-idejn mis-SE din il-ġimgħa biex lill-każini tal-banda ma' titteħdilhomx il-parti li minnha jinħaraq in-nar tal-ajru bl-iżvilupp, minkejja li hemm l-iskemi tal-bini miftuħin; skont il-pjan lokali għan-nofsinhar ta' Malta. Intant is-SE ikkonferma illi l-ittra tal-Avukat Ian Stafrace kienet daħlet fil-ħin għand il-MEPA permezz ta' *e-mail.*

22. Is-SE intalab ibiddel il-proposta tal-attivita' tal-*Christmas Village* tas-sena 2015 f'*Biss Bil-Ħila* li ssir f'Ottubru viċin Jum l-Imqabba. Din l-applikazzjoni trid tiġi mgħoddija lir-Reġjun

tan-Nofsinnhar biex imbgħad dawn jeħduha d-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex possibilment nikkwalifikaw għall-fondi biex norganizzaw din l-attivita' fl-2015.

23. Kien deċiż illi l-*party* tat-tfal tal-Milied se jsir nhar is-Sibt, 20 ta' Diċembru u l-KLM se jagħti rigal b'xejn lil kull min se jattendi, filwaqt li r-*reception* għall-għaqdiet se jsir nhar il-Ħadd, 4 ta' Jannar, 2015.

24. Il-laqgħa li jmiss tal-KLM se ssir nhar it-2 ta' Diċembru, 2014 fis-6:30pm u għaliha se jkun mistieden ukoll il-Kappillan il-ġdid Dun John Curmi.

**F'PUNTI OĦRA**

25. Charlene Zammit talbet l-idea tal-kunsillieri dwar il-*lines sofor* fis-*service road* ta' Triq il-Konvoj ta' Sta Marija. Hija qalet li dawn saru illegalment mill-KLM u l-uffiċjal Luke Genuis ta' Transport Malta qal lis-SE illi ġaladarba għamilnihom aħna, huma m'humiex se jħassruhom, filwaqt li kkonfermalna illi m'għandniex il-permessi meħtieġa. Paul Spiteri qal li kien għalih dawn kellhom jitneħħew dak in-nhar li saru, ġaladarba dawn kienu illegali. Għaldaqstant kien deċiż illi dawn jitneħħew mill-ħaddiema tal-KLM. Min jixtieq li jkollu dawn il-linji ħdejn ir-residenza tiegħu għandu japplika għalihom ma' TM. Grace Marie Mallia qalet li mhux se tieħu pożizzjoni għaliex hija tħoss li għandhom isiru quddiem iż-żewġ residenzi li għamlu t-talba.

26. Charlene Zammit talbet sabiex jiġi rranġat il-ħġieġ li nkiser waqt il-maltempata tal-Ġimgħa, tat-*telephone box* ta' quddiem il-bini amministrattiv tal-KLM.

27. Grace Marie Mallia talbet sabiex il-KLM isewwi l-kaptelli tas-sifun li jinsabu f'nofs tat-triq quddiem fond li jinsab fi Triq San Bażilju għaliex dawn ma felħux il-piż ta' vetturi tqal.

28. Grace Marie Mallia talbet illi ninkludu Triq it-Torri għar-*resurfacing* għaliex f'din it-triq, minbarra li joqogħdu n-nies, hemm ħafna żwiemel jiswew il-flus u dawn jistgħu iweġġgħu u jkunu ta' piż finanzjarju fuqna.

29. Paul Spiteri irrapporta żewġ toqbiet li jinsabu f'Ta' Kandja li huma perikolużi għaliex tħaffru ħafna. Dawn se ssirilhom manutenzjoni bil-ħaddiema tagħna minnufih.

30. Grace Marie Mallia talbet li tinġibed l-attenzjoni ta' individwu li jbiegħ il-ħaxix li allegatament qed joħroġ l-iskart barra ferm qabel ma jgħaddi tal-*iscammel*, f'Misraħ il-Missjoni iż-Żgħira. Hija talbet ukoll li tinġibed l-attenzjoni ta' residenta li toqgħod fi Triq l-Imterrqa għaliex ukoll qed toħroġ l-iskart fi Triq il-Konvoj ta' Sta Marija ferm qabel ma jgħaddi tal-*iscammel.*

31. Il-laqgħa spiċċat fid-9:29pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*11/11/2014 minn:* | **Charlene Zammit**<br>**Viċi Sindku** |